MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1096/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

**Dylan Rodenas ta' 30 sena, iben Mario u Francesca xebba Dingli, imwieled Sliema fil-5 ta' Lulju, 1980, residenti gewwa l-fond numru 2, Flat 3, Triq il-Freres, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 343080M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Dylan Rodenas li gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Ottubru, 2010, ghal habta tat-tmienja ta' filghodu f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-fond White Mansions, Appartament numru 601, Triq Ghar id-Dud, Sliema:

1) Bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil Nicole Campbell, biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess teighu strument li jaqta' u /jew bil-ponta (arma rregolarli), minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
3) U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi, ghalkemm kien ipprovokat,. ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u fuq kollox il-fatt illi Nicole Campbell l-parte leza li hi t-tfajla tal-imputat hafritlu ghall-akkadut

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 251B u 339(1)(e).tal-Kapitolu 9, Section 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum kif ukoll tikkundannah ghall-multa ta' mija u sittax il-euro u seba' w erbghin centezmu.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------